

L-Erbgħa 11 ta' Marzu 2015

P8_TA(2015)0068

Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika: Aspetti Soċjali u tal-Impjieg fl-Istħariġ Annwali dwar it-Tkabbir 2015**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Marzu 2015 dwar is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika: Aspetti Soċjali u tal-Impjieg fl-Istħariġ Annwali dwar it-Tkabbir 2015 (2014/2222(INI))**

(2016/C 316/10)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 9 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),
- wara li kkunsidra l-Artikoli 145, 148, 152 u 153(5) tat-TFUE,
- wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, b'mod partikolari t-Titolu IV (Solidarjetà) tagħha,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 349 tat-TFUE, dwar miżuri speċifiċi għar-Reġjuni Ultraperiferiċi,
- wara li kkunsidra l-Karta Soċjali Ewropea riveduta, b'mod partikolari l-Artikolu 30 tagħha dwar id-dritt għal protezzjoni kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Frar 2014 dwar is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika: Aspetti Soċjali u tal-Impjieg ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika: l-implimentazzjoni tal-prijoritajiet għall-2014 ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Novembru 2014 bit-titolu 'Sthariġ Annwali dwar it-Tkabbir 2015' (COM(2014)0902), u l-abbozz tar-Rapport Konġunt dwar l-Impjieg anness magħha;
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Novembru 2014 bit-titolu 'Pjan ta' Investiment għall-Ewropa' (COM(2014)0903),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Jannar 2015 bit-titolu 'L-aħjar użu tal-flessibbiltà fir-regoli eżistenti tal-Patt tal-Istabbiltà u Tkabbir' (COM(2015)0012),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Ottubru 2013 bit-titolu 'It-tisħiħ tad-dimensjoni soċjali tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja' (COM(2013)0690),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2010 bit-titolu 'Ewropa 2020: Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv' (COM(2010)2020),
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Novembru 2014 dwar impjegi u aspetti soċjali tal-istrateġija Ewropa 2020 ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' April 2012 bit-titolu 'Lejn irkupru li jwassal għall-ħolqien abbondanti ta' impjegi' (COM(2012)0173),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Diċembru 2010 bit-titolu 'Il-Pjattaforma Ewropea kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali: Qafas Ewropew għall-koeżjoni soċjali u territorjali' (COM(2010)0758), u r-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-15 ta' Novembru 2011 dwar dan ⁽⁴⁾,

⁽¹⁾ Testi Adottati, P7_TA(2014)0129.⁽²⁾ Testi Adottati, P8_TA(2014)0038.⁽³⁾ Testi adottati, P8_TA(2014)0060.⁽⁴⁾ ĠU C 153 E, 31.5.2013, p. 57.

L-Erbgħa 11 ta' Marzu 2015

- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu 'Inizjattiva għall-Opportunitajiet taż-Żgħażaġħ' (COM (2011)0933),
 - wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Frar 2013 bit-titolu 'Lejn Investiment Soċjali għat-Tkabbir u l-Koeżjoni – inkluża l-implimentazzjoni tal-Fond Soċjali Ewropew 2014-2020' (COM(2013)0083),
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Marzu 2014 dwar aspetti soċjali u tal-impjieg tar-rwol u l-attivitajiet tat-Trojka (BĊE, Kummissjoni u FML) fir-rigward tal-pajjiżi tal-programm taż-żona tal-euro ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Ġunju 2013 dwar l-akkomodazzjoni soċjali fl-Unjoni Ewropea ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' April 2014 dwar 'L-Unjoni Ewropea kif tista' tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' ambjent ospitabbli biex l-intrapriżi, in-negozji u n-negozji ġodda joħlqu l-impjieg?' ⁽³⁾,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Lulju 2014 dwar l-impjieg taż-Żgħażaġħ ⁽⁴⁾,
 - wara li kkunsidra r-Rapport Dinji dwar il-Pagi 2014/2015 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) tal-5 ta' Diċembru 2014,
 - wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-OECD 'Trends in Income Inequality and its Impact on Economic Growth' tad-9 ta' Diċembru 2014;
 - wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Lulju 2014 bit-titolu 'Inizjattiva għal Impjieg Ekoloġiċi: Jiġi sfruttat il-potenzjal tal-ekonomija ekoloġika għall-ħolqien tal-impjieg?' (COM(2014)0446),
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet tiegħu tal-14 ta' Settembru 2011 ⁽⁵⁾ u tas-16 ta' Jannar 2014 ⁽⁶⁾ dwar Strateġija tal-UE għall-Persuni Mingħajr Dar,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjieg u l-Affarijiet Soċjali (A8-0043/2015),
- A. billi l-Ewropa trid issegwi l-mudell tal-ekonomija soċjali tas-suq, u tiggarrantixxi tkabbir sostenibbli bil-għan li lill-ġenerazzjoni li jmiss toffrilha impjieg minflok dejn;
- B. billi l-kuntest ekonomiku u soċjali fl-UE għadu dgħajef, u billi, skont it-tbassir ekonomiku tal-ħarifa tal-2014 tal-Kummissjoni, l-irkupru ekonomiku jibqa' fraġli; billi, minkejja r-rati ta' tkabbir negattivi fiż-żona tal-euro għal dawn l-aħħar sentejn, it-tkabbir taż-żona tal-euro huwa mistenni li jilħaq 0,8 % fl-2014 u 1,1 % fl- 2015; billi huma biss ftit l-Istati Membri li għandhom previżjonijiet aħjar, u billi l-Kummissjoni rrevediet sistematikament 'l isfel il-previżjonijiet tagħha stess f'dawn l-aħħar snin; billi minkejja l-fatt li d-defiċit ġenerali previst fl-UE28 tnaqqas għal 3 % għall-2014, dan għadu għoli f'xi Stati Membri, u juri l-bżonn ta' aktar konsolidazzjoni fiskali li tkun kompatibbli ma' tkabbir u impjieg sostenibbli u ta' kwalità aħjar, peress li l-irkupru la huwa robust u lanqas sostnut;
- C. billi t-triq mgħaġġla ta' konsolidazzjoni fiskali adottata matul il-kriżi ekonomika fixklet lill-Istati Membri milli jilhq u l-objettivi tal-istrateġija Ewropa 2020, li juri li l-politiki fiskali għandhom ikunu differenzjati u adattati għas-sitwazzjoni speċifika ta' kull Stat Membru; billi t-tnaqqis f'daqqa fil-prezzijiet taż-żejt jista' jipprovdi spinta addizzjonali għall-ekonomija ta' ħafna Stati Membri, speċjalment jekk dan ikun tradott malajr fi tnaqqis fl-ispejjeż tal-enerġija għall-familji u n-negozji;

⁽¹⁾ Testi Adottati, P7_TA(2014)0240.

⁽²⁾ Testi Adottati, P7_TA(2013)0246.

⁽³⁾ Testi adottati, P7_TA(2014)0394.

⁽⁴⁾ Testi adottati P8_TA(2014)0010.

⁽⁵⁾ ĠU C 51 E, 22.2.2013, p. 101.

⁽⁶⁾ Testi adottati, P7_TA(2014)0043.

L-Erbgħa 11 ta' Marzu 2015

- D. billi l-UE teħtieġ tkompli ttejjeb il-politiki ekonomiċi u soċjali bil-għan li jintlaħqu l-miri ta' Ewropa 2020 mill-aktar fis possibbli, filwaqt li jingħelbu r-riskji ta' stagħnar u deflazzjoni fit-tul, u billi biex iseħħ dan jeħtieġ jitkomplew l-isforzi għall-promozzjoni ta' investimenti u riformi strutturali li jżidu l-kompetittività ekonomika b'mod soċjalment responsabbli; billi hemm bżonn trasformazzjoni ekoloġika biex tiġi żgurata bidla lejn ekonomija effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u jiġi żgurat l-iżvilupp sostenibbli; billi huwa preokkupanti li l-pożizzjoni tal-UE fl-ekonomija dinjija sejra lura minħabba l-kriżi, it-telf tal-bażi industrijali tagħha u n-nuqqas ta' fiduċja tal-investituri u l-impjendituri, filwaqt li pajjiżi oħra qed juru sinjali solidi ta' rkupru; billi f'Ottubru 2014 il-FMI għamel stima li l-probabilità ta' reċessjoni fiż-żona tal-euro kienet żdiedet u kienet ser tilħaq bejn 35 u 40 % sa tmien is-sena;
- E. billi l-Istati Membri għandhom ir-rwol primarju fit-twettiq ta' politiki dwar l-impjegi, inklużi dawk dwar l-impjieg taż-żgħażaġh, u billi t-twassil ta' miżuri bħal dawn ikun aktar effettiv fil-livell nazzjonali;
- F. billi l-UE trid tindirizza t-tixjiħ rapidu tal-popolazzjoni tagħha kemm jista' jkun malajr;
- G. billi, minkejja xi titjib (għall-ewwel darba mill-2011 'l hawn kien hemm żieda żgħira f'kuntratti full time), ir-rata tal-qgħad tibqa' storikament għolja, bi kważi 25 miljun persuna bla xogħol fl-UE; billi l-qgħad fit-tul jinsab f'rata għolja b'mod inkwetanti, u 12-il miljun ruħ ilhom qiegħda għal aktar minn sena (żieda ta' 4 % fuq is-sena ta' qabel); billi r-rati tal-qgħad fost iż-żgħażaġh ma naqsux b'mod sinifikanti (tnaqqsu biss b'1,9 % meta mqabbla mal-2013), u laħqu medja tal-UE ta' 21,2 %; billi 75 % tal-persuni li ilhom qiegħda fit-tul fl-UE huma taħt l-età ta' 35 sena; billi s-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol hija partikolarment kritika għaż-żgħażaġh kollha, ħliet f'xi Stati Membri, indipendentement mil-livell ta' edukazzjoni tagħhom;
- H. billi l-Fond Soċjali Ewropew, flimkien mal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ u l-Inizjattiva favur l-impjieg taż-Żgħażaġħ iridu jintużaw b'mod sħiħ u korrett sabiex jiġu ffinanzjati proġetti sostenibbli fil-għieda kontra l-qgħad, b'mod partikolari l-qgħad fost iż-żgħażaġh;
- I. billi l-għadd ta' żgħażaġh li huma barra mill-edukazzjoni, l-impjieg jew it-taħriġ (NEETS) baqa' għoli filwaqt li l-għadd ta' żgħażaġh Rom f'dan il-grupp huwa sproporzjonat;
- J. billi diversi fatturi – inkluż in-nuqqas li jinħoloq ambjent pożittiv biex tingħata spinta lill-investiment u lit-tkabbir, it-tnaqqis fl-introjtu tas-suq u t-tnaqqis fis-saħħa tal-impatt tat-trasferimenti soċjali tul iż-żmien⁽¹⁾, u l-isforzi minn xi Stati Membri sabiex jiġi stabbilit mill-għid il-bilanċ ekonomiku tagħhom billi jnaqqsu l-infiq fuq il-protezzjoni soċjali – wasslu għal tnaqqis sinifikanti fl-introjtu disponibbli gross tal-unitajiet domestiċi, filwaqt li kkontribwew għal żieda fin-numru ta' familji Ewropej li jinsabu f'riskju ta' esklużjoni, u għal żieda allarmanti fl-inugwaljanzi, inkluż l-inugwaljanzi bejn in-nisa u l-irġiel; billi wieħed minn kull erba' Ewropej jinsab f'riskju ta' faqar; billi s-sottoimpjieg u l-prekarjat laħqu l-oġġla livell tagħhom u, għal 50 % ta' dawk kollha li qed ifittxu x-xogħol, il-fatt li jsibu impjieg mhuwiex biżżejjed biex jinħarġu mill-faqar;
- K. billi l-aħħar ċifri disponibbli, dawk għall-2013, juru qgħad fit-tul flivell storikament għoli ta' 5,1 % tal-ħaddiema fl-UE-28; billi l-qgħad fit-tul m'għandux biss konsegwenzi kruċjali għall-individwi tul ħajjithom kollha, iżda jista' jinbidel f'qgħad strutturali fl-UE;
- L. billi 25,1 % tal-popolazzjoni tal-UE jinsabu attwalment f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali; billi r-rata medja ta' tkabbir tal-faqar fost it-tfal hija oġġla mir-rata medja ta' tkabbir tal-faqar b'mod ġenerali, u billi f'xi Stati Membri wieħed minn kull tlett itfal jgħixu taħt is-soll tal-faqar;
- M. billi ħaddiema akbar fl-età huma l-aktar grupp li probabbli li jkunu qiegħda fit-tul; billi nofs il-ħaddiema biss fl-età ta' bejn il-55 u l-65 sena kellhom impjieg fl-2012; billi l-anzjani jsofru aktar minn tnaqqis fl-infiq pubbliku fuq is-servizzi soċjali, is-servizzi tas-saħħa u l-benefiċċji soċjali; billi xi kategoriji ta' persuni akbar fl-età, bħal persuni li għandhom 80 sena u aktar, nisa akbar fl-età, migranti ta' età akbar u membri ta' minoranzi etniċi akbar fl-età huma speċjalment f'riskju li jaqgħu fil-faqar;

⁽¹⁾ 'Abbozz tar-Rapport Konġunt dwar l-impjieg mill-Kummissjoni u l-Kunsill li jakkompanja l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-Istħarriġ dwar it-Tkabbir Annwali 2015' (COM(2014)0906), paġna 44. Ara wkoll *OECD Employment Outlook 2014*, http://www.keepeek.com/Digital-Asset-Management/oecd/employment/oecd-employment-outlook-2014_empl_outlook-2014-en#page1.

L-Erbgħa 11 ta' Marzu 2015

- N. billi, sabiex jindirizzaw il-kriżi, ċerti Stati Membri naqqsu sew in-nefqa pubblika tagħhom fl-istess waqt li żdiedet id-domanda għall-protezzjoni soċjali minħabba żieda fin-numru ta' persuni qiegħda; billi l-allokazzjonijiet tal-baġit nazzjonali għall-kopertura tas-sigurtà soċjali ġew imġebbda aktar hekk kif naqsu l-kontribuzzjonijiet minħabba tnaqqis fuq skala kbira fl-impjegi u fil-pagi, u b'hekk tpoġġa serjament fil-periklu l-mudell soċjali Ewropew; billi r-riformi mitluba mhumiex jissodisfaw il-ħtiġijiet u l-aspettattivi taċ-ċittadini fir-rigward tal-impjegi u l-isfera soċjali;
- O. billi t-tnaqqis fil-faqar mhuwiex biss waħda mill-miri prinċipali tal-istrateġija Ewropa 2020, iżda huwa wkoll responsabbiltà soċjali tal-Istati Membri, u xogħol deċenti u sostenibbli huwa l-aħjar mod kif wieħed joħroġ mill-faqar; billi, għalhekk, l-isforzi għandhom ikunu ffukati fuq l-iffaċilitar tal-aċċess għall-impjegi, b'mod partikolari għal dawk li huma l-aktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol; billi s-suq tax-xogħol għadu kkaratterizzat minn inugwaljanzi sinifikanti fil-kundizzjonijiet tax-xogħol, u billi wara l-età ta' 55 sena, in-nisa għandhom riskju akbar mill-irġiel li jgħixu fil-faqar jew fl-esklużjoni soċjali;
- P. billi l-iżbilanċi soċjoekonomiċi bejn l-Istati Membri komplew jikbru, filwaqt li ġara bil-maqlub fir-rigward tal-oġġettiv ta' konverġenza reġjonali; billi d-distakk bejn il-pajjiżi ċentrali u periferiċi fil-qgħad żdied minn 3,5 % fl-2000 għal 10 % fl-2013; billi din id-diverġenza żżid ir-riskju ta' frammentazzjoni u thedded l-istabbiltà ekonomika u l-koeżjoni soċjali tal-UE; billi s-Sitt Rapport dwar il-Koeżjoni jenfasizza r-rwol li għandhom il-fondi strutturali sabiex tingħeleb l-inugwaljanza, speċjalment matul il-kriżi;
- Q. billi l-Artikolu 174 tat-TFUE jipprevedi li "sabiex tippromwovi l-iżvilupp armonjuż tagħha in ġenerali, l-Unjoni għandha tiżviluppa u tfittex li ttwettaq l-azzjonijiet tagħha li jwasslu sabiex tissaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fi ħdanha. B'mod partikolari, l-Unjoni għandha jkollha l-għan li tnaqqas id-diverġenzi bejn il-livelli ta' żvilupp tar-reġjuni varji u r-ritard ta' dawk ir-reġjuni li huma anqas favoriti. Fost ir-reġjuni konċernati, għandha tingħata attenzjoni partikolari lil żoni rurali, lil żoni milquta minn transizzjoni industrijali, u lil reġjuni li jbatu minn żvantaġġi naturali jew demografiċi gravi u permanenti bħal per eżempju r-reġjuni estremi tat-tramuntana b'densità ta' popolazzjoni baxxa ħafna, u reġjuni insulari, reġjuni transkonfinali u reġjuni muntanjużi";
- R. billi r-reġjuni li jsofru minn żvantaġġi naturali jew demografiċi serji u permanenti normalment ikollhom rati ogħla ta' qgħad, inqas tkabbir ekonomiku u nuqqas ta' investimenti sinifikanti mmirati lejn it-titjib tal-potenzjal tagħhom;
- S. billi l-Parlament ilu dawn l-aħħar sentejn iwissi dwar ir-riskji soċjali tad-deflazzjoni f'kuntast ta' tkabbir baxx, rata għolja ta' qgħad u pressjoni 'l isfel fuq il-pagi; billi l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) bassar inflazzjoni baxxa fuq medda twila ta' żmien, u wissa dwar il-konsegwenzi ta' dan fuq id-domanda interna, fuq it-tkabbir u fuq l-impjegi; billi d-deflazzjoni saret realtà minn Awwissu 2014 fi tmien Stati Membri (li sitta minnhom qegħdin fiż-żona tal-euro); billi d-domanda u l-ħolqien tal-impjegi fl-UE hija ristretta bil-kbir mid-dgħjufija prevalenti ta' għoti ta' kreditu lill-SMEs u l-ħtieġa li jitnaqqas id-dejn pubbliku u privat eċċessiv b'mod speċjali fir-rigward ta' self ipotekarju; billi t-tnaqqis fir-rati tal-inflazzjoni jżid b'mod sinifikanti dawn id-diffikultajiet, billi jgħolli r-rati tal-imgħax reali u l-piż tad-dejn reali, u jista' jwassal għal ċirku vizzjuż ta' depressjoni ekonomika; billi l-BĊE rreaġixxa għal dawn l-aspetti kollha fit-22 ta' Jannar 2015 bl-implimentazzjoni ta' programm estiż tax-xiri tal-assi b'xiri tal-assi ta' kull xahar ikkombinat li jammonta għal EUR 60 biljun, u li għandu jitwettaq tal-inqas sa Settembru 2016;
- T. billi tista' tintuża politika monetarja espansjonarja biex titrawwem l-esportazzjoni bħala mod kif tittejjeb l-ekonomija tal-UE fl-immedjat;
- U. billi r-rati ta' imgħax baxxi jistgħu jintużaw biex tingħata spinta lill-investimenti fl-UE;
- V. billi żdiedet il-konsolidazzjoni fiskali u ġew introdotti miri ewlenin ġodda li jiffukaw aktar fuq id-defiċits strutturali milli fuq defiċits ċikliċi; billi, minkejja dan, id-daqs tal-multiplikaturi fiskali fil-kuntast attwali għadu kbir ħafna; billi hemm bżonn li jintlaħqu l-oġġettiv ta' terminu medju u l-oġġettiv tad-dejn biex jinħoloq ambjent li jstimula t-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien tal-impjegi; billi hemm bżonn li jiġi vvalutat b'mod sistematiku l-impatt ta' dawn il-miżuri mill-aspett soċjali, ambjentali u fir-rigward tas-sessi;

- W. billi l-investment pubbliku u privat fl-UE naqas b'mod allarmanti u issa jinsab qrib l-20 % taħt il-livelli ta' qabel il-kriżi, li huwa aktar baxx meta mqabbel ma' dak tal-imsieħba ekonomiċi ewlenin tagħha fil-bqija tad-dinja; billi l-investment f'impjiegi sostenibbli u ta' kwalità aħjar, fil-kapital uman, fir-riċerka u l-innovazzjoni (inkluż fi proġetti fuq skala żgħira), f'unjoni tal-enerġija effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, fis-Suq Uniku Diġitali, fil-promozzjoni tal-intraprenditorja u f'ambjent tan-negozju aħjar għall-SMEs għandu jkun fost il-prijoritajiet ewlenin kemm għall-Kummissjoni kif ukoll għall-Istati Membri, peress li l-investimenti f'dawn l-oqsma huma essenzjali mhux biss biex jiġi żgurat irkupru iżda wkoll biex jissaħħaħ il-potenzjal ekonomiku tal-UE li tikber u toħloq il-ġid;
- X. billi l-involvement insuffiċjenti fil-proċess tas-Semestru tal-UE fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali min-naħa tal-parlamenti nazzjonali, il-Parlament Ewropew, l-awtoritajiet lokali u reġjonali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-imsieħba soċjali llimita s-sjieda tar-riformi mill-Istati Membri u l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet inklużivi, soċjali u sostenibbli, u naqqas il-fiduċja taċ-ċittadini fil-proġett Ewropew;
- Y. billi l-iffissar tal-pagi hija kompetenza tal-Istati Membri;

Politiki ekonomiċi ambizzjużi għat-tkabbir, għall-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità u għall-ġlieda kontra d-deflazzjoni

1. Jilqa' l-approċċ integrat tal-Kummissjoni għat-tkabbir, ibbażat fuq tliet pilastri ewlenin: Pjan ta' Investment għall-Ewropa, riformi strutturali u responsabbiltà fiskali; jappella għal politika ekonomika u fiskali espansjonarja ambizzjuża, fi ħdan ir-regoli eżistenti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (PST), sabiex jiġi stimulat tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv u biex jinħolqu impjiegi aħjar u sostenibbli; jenfasizza li s-solidarjetà hija l-valur ewleni li fuqu hija mibnija l-Unjoni Ewropea; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja l-isforzi tal-Istati Membri billi tippovdi rakkomandazzjonijiet konkreti li jkunu ta' għajnuma għalihom u għall-UE kollha kemm hi, sabiex ma jindirizzawx biss il-konsolidazzjoni fiskali iżda anke r-riformi strutturali b'mod soċjalment bilanċjat u ekonomikament effiċjenti u sostenibbli; jenfasizza li l-inflazzjoni baxxa diġà qed iżżid ir-rati tal-imgħax reali kif ukoll id-dejn pubbliku u privat reali, li flimkien ma' livell għoli ta' qgħad fit-tul fost iż-żgħażaġħ tbaxxi t-tkabbir u żżid il-faqar;
2. Huwa konxju mir-rabtiet bejn ir-responsabbiltà fiskali u l-ħtieġa li tingħata spinta lill-investimenti u r-riformi strutturali fl-Istati Membri, fil-kuntest tal-PST; Jilqa', f'dan is-sens, il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "L-aħjar użu tal-flessibbiltà fir-regoli eżistenti tal-Patt tal-Istabbiltà u Tkabbir"; jistieden lis-sħab kollha jimplementaw ir-riformi permezz tal-flessibbiltà li diġà teżisti fir-regoli u l-ftehimiet, jekk xi Stat Membru jiffaċċja żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi, sabiex jiggwarantixxu li r-responsabbiltà fiskali tkun kompatibbli mat-tkabbir ekonomiku, il-ħolqien tal-impjiegi u l-istat assistenzjali;
3. Jenfasizza l-ħtieġa ta' riformi strutturali fl-Istati Membri; jinnota li filwaqt li ċerti Stati Membri li implimentaw riformi rnexxielhom jergħu jiksbu l-kompetittività fis-suq globali, dawn ir-riformi għandhom ikunu kompatibbli ma' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv kif ukoll mal-ħolqien ta' impjiegi deċenti; jappella, biex jintlaħqu dawn l-għanijiet, li l-fokus ta' dawn ir-riformi jitwessa' biex jinkludi oqsma bħalma huma s-Suq Uniku Diġitali, l-Unjoni tal-Enerġija jew ir-riformi fiskali; iqis li r-riformi promossi fis-suq tax-xogħol għandhom jintroduċu wkoll il-flessibbiltà u s-sigurtà meħtieġa sabiex tintemm is-segmentazzjoni u jkunu żgurati pagi deċenti;
4. Jilqa' l-fatt li t-taħlita ta' politika l-ġdida żżid l-investment mal-prijoritajiet preċedenti ta' konsolidazzjoni fiskali u riformi strutturali; iqis, madankollu, li l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir (SAT) għandu jagħti aktar importanza lid-domanda aggregata u r-rabta li għandha maż-żidiet fil-pagi u l-inugwaljanzi soċjali; jenfasizza li l-ogħla prijorità fir-rigward tat-tnaqqis ta' żbilanċi makroekonomiċi m'għandhiex tkun li jiżdied is-surplus fil-kont kurrenti, iżda pjuttost li jiżdied it-tkabbir, l-investment u r-rati ta' impjeg, u li titnaqqas ir-rata tal-faqar;
5. Jinsab imħasseb li l-investimenti fl-UE naqsu b'mod sinifikanti f'dawn l-aħħar snin, u issa huma kważi 20 % inqas mil-livell ta' qabel il-kriżi; iwissi li t-tnaqqis kien anki akbar fi Stati Membri periferali fejn il-konsolidazzjoni fiskali kienet aktar akuta; jenfasizza għal darb'oħra l-potenzjal tal-impjiegi tal-ekonomija ekoloġika li, skont l-istimi tal-Kummissjoni, tista' toħloq 5 miljun impjeg sal-2020 fis-setturi tal-effiċjenza enerġetika u l-enerġija rinnovabbli biss, sakemm jiġu implimentati politiki ambizzjużi dwar il-klima u l-enerġija; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw livelli suffiċjenti ta' investment f'dawn is-setturi u jantiċipaw il-ħiliet futuri tal-ħaddiema;

L-Erbgħa 11 ta' Marzu 2015

6. Jilqa' l-fatt li wieħed mit-tliet pilastru ewlenin tal-istrateġija tal-Kummissjoni għall-2015 huwa l-investiment, u jitlob li l-pjan jiġi implimentat mingħajr dewmien; jieħu nota tal-fatt li l-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri għall-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi (EFSI) mhux se jingħaddu meta jiġi definit l-aġġustament fiskali taħt il-parti preventiva jew dik korrettiva tal-PST;

7. Iqis li t-tliet pilastru ewlenin tal-istrateġija tal-Kummissjoni għall-2015 iridu jiġu implimentati b'mod konġunt sabiex l-investimenti jingħataw spinta, b'mod responsabbli, f'dawk l-oqsma li għandhom impatt reali fuq it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi, bħall-ekonomija diġitali, is-setturi ekoloġiċi u l-kura tas-saħħa;

8. Jieħu nota tal-fatt li l-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi (EFSI) se jkun ibbażat fuq riżorsi eżistenti tal-UE u mhux se jinvolvi flejjes pubbliċi "għodda", apparti ammont ulterjuri ta' EUR 5 biljun mill-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI); jenfasizza r-riskji ta' fond insuffiċjenti bbażat fuq suppożizzjonijiet ottimisti wisq dwar il-probabbiltà li tiġi attirata l-parti l-kbira tal-finanzjament meħtieġ minn investituri privati; jistieden lill-BEI jikkunsidra jibdel l-orjentazzjoni tiegħu minn attività bankarja purament kummerċjali għal waħda bbażata fuq mudell ta' valutazzjoni tar-riskju tal-proġetti bbażat fuq kriterji definiti u trasparenza; jistieden lill-Kummissjoni tesplora modi kif tuża l-baġit tal-UE u riżorsi oħra għodda biex ikun żgurat li l-EFSI ma jonqosx milli jagħti riżultati tajbin;

9. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-BEI jivvalutaw l-effett tal-kriżi ekonomika fuq is-sistema bankarja u fuq ir-riċevituri finali tal-finanzjament tal-BEI, b'attenzjoni partikolari għall-SMEs, is-settur tal-ekonomija soċjali u l-kumpaniji pubbliċi;

10. Jenfasizza l-fatt li l-EFSI għandu jkun iffukat fuq il-ħolqien ta' investimenti għodda f'oqsma fejn l-interess tal-investituri huwa limitat pjuttost milli fuq is-sostituzzjoni ta' investimenti li kienu jsiru band'oħra (crowding out), jew fuq l-iffukar fuq investimenti li jrendu profitti kbar, li kienu se jsiru fi kwalunkwe każ (deadweight); jistieden lill-Kummissjoni tinkludi u tippromwovi l-investimenti soċjali li mhux biss jiġġeneraw redditi finanzjarji iżda li jippromwovu effetti soċjali pożittivi, bħal investimenti fil-kapital uman, investimenti b'impatt qawwi fuq il-ħolqien ta' impjiegi sostenibbli u ta' kwalità aħjar jew fuq l-inklużjoni soċjali u t-tnaqqis tal-faqar, bħal sistemi ta' protezzjoni soċjali u servizzi soċjali jew investimenti fl-ekonomija soċjali; itenni l-appell tiegħu għall-implimentazzjoni tal-Pakkett ta' Investimenti Soċjali (PIS);

11. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura investimenti f'reġjuni aktar dgħajfa ekonomikament li għandhom livell għoli ta' qgħad, u fl-SMEs ftali reġjuni, peress li dawn għandhom aċċess limitat ħafna għall-finanzjament, sabiex tiżgura li dawn l-isforzi jkollhom impatt sinifikanti fejn huma l-aktar meħtieġa, b'għażliet magħmula bl-attenzjoni dovuta għall-karatteristiċi ekonomiċi tal-investimenti; jikkondividi l-fehma tal-Kummissjoni dwar il-fatt li hemm b'żonn ta' ħaddiema bl-aqwa ħiliet f'setturi li qegħdin jikbru bħall-ekonomija diġitali, is-setturi ekoloġiċi u l-kura tas-saħħa;

12. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw mekkaniżmi speċifiċi mtejbja sabiex jimplementaw programmi ta' investiment fir-reġjuni ultraperiferiċi, li d-distanza mbiegħda, il-frammentazzjoni ġeografika, l-ekonomiji fraġli u r-restrizzjonijiet naturali tagħhom iwasslu għal żieda fl-inugwaljanzi fl-aċċess għal opportunitajiet ta' impjiegi, prodotti u servizzi;

13. Jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra r-reġjuni li jbatu minn żvantaġġi naturali jew demografiċi serji u permanenti meta tipprogramma l-Pjan ta' Investiment Ewropew, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċess għall-broadband;

14. Jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi fil-fond u ttejjeb l-Inizjattiva tal-Bonds tal-Proġetti tal-BEI u l-UE, li tnediet bħala proġett pilota fl-2012 sabiex tiġbor fiha l-Pjan ta' Investiment, bil-ħsieb li tingħata rwol akbar fil-promozzjoni tal-impjiegi; jitlob, f'dan il-kuntest, reviżjoni dettaljata tal-bonds b'impatt soċjali inklużi fil-PIS;

Politika responsabbli ffukata fuq l-investiment, il-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità u t-tkabbir

15. Jinnota li l-Pjan ta' Investiment Ewropew huwa żieda meħtieġa għall-isforzi biex jiġi stimulat tkabbir ekonomiku sostenibbli u l-ħolqien ta' impjiegi, li jeħtieġ li jkun appoġġjat minn riżorsi privati u pubbliċi sabiex jirnexxi; jilqa' l-fatt li l-SAT għall-2015 ikompli jappella għal aktar sforzi minn pajjiżi b'marġini fiskali ta' manuvrar bħala mezz biex titħeġġeġ id-domanda Ewropea u l-investiment;

L-Erbgħa 11 ta' Marzu 2015

16. Jilqa' b'sodisfazzjon l-estensjoni tal-pass tal-konsolidazzjoni fiskali, u l-introduzzjoni ta' miri ewlenin – li jiffokaw aktar fuq id-defiċits ċikliċi milli strutturali – u li għandu jkollhom effett pożittiv fuq l-impjiegi u t-tkabbir sostenibbli; jinnota, madankollu, li d-daqs tal-multiplikaturi fiskali fil-kuntest attwali madankollu għadu għoli ħafna u li dan ser ikollu impatt negattiv fuq it-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien tal-impjiegi kif ukoll fuq is-sostenibbiltà tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali; jistieden lill-Kummissjoni biex tiffaċilita l-użu ta' flessibilità massima fi ħdan ir-regoli eżistenti tal-PST;

17. Jitlob l-iżvilupp ta' qafas Ewropew biex jiġi żgurat li l-investimenti kollha taħt il-Pjan ta' Investiment Ewropew ikollhom impatt sinifikanti f'termini ta' stimolu għat-tkabbir sostenibbli, għall-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità u għat-trawwim tal-progress soċjali; jistieden lill-Kummissjoni biex tissorvelja u tikkontrolla l-investimenti skont il-pjan u, barra minn hekk, għal verifika u tkejjel l-impatt ekonomiku u soċjali tal-investimenti f'termini reali; jistieden lill-Kummissjoni biex tinkludi speċjalisti fuq il-politiki soċjali f'kumitat ta' esperti EFSI l-ġodda li se tapprova proġetti li għandhom jiġu ffinanzjati, u biex jiżguraw li impatt soċjali pożittiv huwa wieħed mill-kriterji ewlenin f'din l-għażla;

18. Jenfasizza l-importanza tal-flessibilità li tista' tintuża fi ħdan il-PST eżistenti sabiex jiġi żgurat spazju għall-immanuvrar għal investimenti soċjali, primarjament investimenti soċjali f'persuni, billi jiġu provduti bil-ħiliet u l-kundizzjonijiet ta' appoġġ meħtieġa għal parteċipazzjoni produttiva u ta' sodisfazzjon fl-ekonomija u s-soċjetà matul ħajjithom kollha; jenfasizza, f'dan il-kuntest, ir-rwol potenzjali tal-ekonomija soċjali fil-ħolqien ta' impjiegi sostenibbli, inklużivi u ta' kwalità;

Finanzjament mogħti lura lill-SMEs biex jiġu stimulati l-investment privat u l-ħolqien tal-impjiegi

19. Jenfasizza li filwaqt li l-SMEs jikkostitwixxu s-sinsla tal-ħolqien tal-impjiegi fl-UE, dawn għadhom qed jiffaċċjaw diffikultajiet kbar sabiex jiksbu aċċess għall-finanzjament u għandhom wisq dejn; għalhekk, jilqa' pożittivament ir-rakkomandazzjonijiet ġodda tal-Kummissjoni dwar l-aċċess għall-finanzi għall-SMEs, li jinvolvu approċċ ġdid għall-insolvenza u l-falliment tan-negozju; jistieden biex isiru aktar sforzi mill-Istati Membri ħalli jitjiebu l-iskemi ta' ristrutturar tad-dejn bħala mezz biex jintlaħaq dan l-għan; jistieden lill-Kummissjoni biex trawwem, meta meħtieġ, l-implimentazzjoni flivell nazzjonali tal-prinċipji stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni tagħha tat-12 ta' Marzu 2014 permezz ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi (CSRs); jenfasizza li l-intrapriżi mmexxija min-nisa u l-SMEs iħabbtu wiċċhom ma' aktar diffikultajiet biex jiksbu aċċess għall-finanzjament; jistieden lill-Kummissjoni tanalizza r-raġunijiet għal din is-sitwazzjoni u biex tipponi miżuri biex tinstab soluzzjoni għal dan;

20. Jenfasizza l-importanza tal-ħolqien ta' kultura ta' intraprenditorja fl-Unjoni Ewropea billi jitnaqqsu l-ostakli għall-impjeg indipendenti u l-istabbiliment tan-negozju; jirrimarka li dan jista' jiġi appoġġjat minn taħlita intelliġenti ta' appoġġ finanzjarju bħall-lassi tal-Mikrofinanzjament u l-Intraprenditorja Soċjali għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI), jew permezz ta' soluzzjonijiet f'punt uniku ta' servizz f'amministrazzjonijiet pubbliċi għar-reġistrazzjoni ta' negozju ġdid;

21. Jinsab imħasseb li l-frammentazzjoni finanzjarja fiż-żona euro, f'ċerti każijiet, tkun qed tipperikola t-tkabbir u s-sostenibilità tal-SMEs. Jitlob li l-kapaċità tas-self tal-ekonomija terġa' lura għal kif kienet, u b'hekk tippermetti lill-SMEs jinvestu u joħolqu impjiegi, kif ukoll li jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-intraprenditorja u l-aċċess tal-SMEs għall-programmi bħall-COSME u Orizzont 2020;

22. Jistieden lill-Istati Membri jeliminaw piżijiet amministrattivi u burokrazija mhux meħtieġa għall-persuni li jaħdmu għal rashom u għall-mikrointrapriżi u l-SMEs u biex jiffaċilitaw il-kundizzjonijiet għan-negozji ġodda;

23. Jilqa' b'sodisfazzjon l-iskema konġunta ta' self lill-SMEs maħruġa mill-Kummissjoni u l-BEI li tuża l-fondi strutturali biex jiġi simplifikat l-investment f'dawn il-kumpaniji sabiex tingħata spinta għall-ħolqien akbar u sostenibbli tal-impjiegi; jistieden lill-BĊE jikkomplementa din l-azzjoni politika u jesplora mezzi ta' xiri ta' assi tal-SMEs, u jappoġġja l-iżvilupp tal-SMEs fi ħdan il-qafas ta' programmi ta' tnaqqis kwantitattiv ibbażati fuq Prattiki tajba li jeżistu f'reġuni oħra ekonomiċi, jew iservi ta' garanti għal sorsi ta' finanzjament tal-SMEs, li jiġġeneraw sa 80 % tal-impjiegi f'ħafna Stati Membri;

24. Jieħu nota tal-programm ta' xiri tal-assi estiż tal-BĊE li jmur, għal darb' oħra, lis-sistema bankarja; jitlob, għalhekk, lill-BĊE biex jottimizza l-potenzjal tiegħu biex ittejjeb l-ekonomija reali billi jiġi pprovdut kreditu sabiex jagħtu spinta lit-tkabbir u jindirizzaw il-qgħad fl-UE;

L-Erbgħa 11 ta' Marzu 2015

25. Jilqa' l-miżuri mħabbra mill-Kummissjoni biex tingħata spinta lill-ħolqien tal-impjiegi fl-SMEs permezz tal-ftuħ ta' alternattivi għal self mill-banek għall-SMEs, u biex jitjeb il-qafas regolatorju u fiskali sabiex jissaħħa l-investment fit-tul fl-SMEs; jitlob li dawn il-miżuri jiġu implimentati mingħajr dewmien; jistieden lill-Kummissjoni wkoll biex tappoġġja proġetti fuq skala iżgħar; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkunsidraw kooperattivi finanzjarji għall-finanzjament tal-SMEs (unjins ta' kreditu) bħala strumenti alternattivi ta' finanzjament, u sabiex ikun permess aċċess aħjar għall-SMEs għall-akkwist pubbliku u l-finanzjament fil-livell nazzjonali u tal-UE;

26. Jenfasizza l-importanza tal-korpi intermedjarji marbuta mal-SMEs, bħall-kmamar tal-kummerċ bħala muturi b'impatt ta' multiplikatur fl-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE relatati mal-SMEs, u jitlob lill-Kummissjoni Ewropew tnedi djalogu ta' sħubija ma' dawn il-korpi dwar kif il-politiki tal-UE b'rabta mal-SMEs jistgħu jiġu implimentati aħjar sabiex jiġi stimulat il-ħolqien tal-impjiegi ta' kwalità;

Użu aktar effiċjenti tal-fondi

27. Jenfasizza li l-politiki dwar it-tkabbir u l-impjiegi għandhom impatti territorjali differenzjati, skont is-sitwazzjoni speċifika ta' kull reġjun tal-UE, u li d-disparitajiet reġjonali ilhom jitwessgħu mill-bidu tal-kriżi; jenfasizza li r-RSPs għandhom iqisu d-divrenzjar territorjali fi ħdan l-Istati Membri sabiex jiġu stimolati t-tkabbir u l-impjiegi filwaqt li tiġi ppreservata l-koeżjoni territorjali;

28. Iqis li l-miżuri tal-politika ta' koeżjoni għandhom rwol essenzjali biex jitnaqqsu d-disparitajiet kompetittivi interni u l-iżbilanċi strutturali freġjuni li l-aktar għandhom b'żonn ta' dan; jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra soluzzjonijiet xierqa għal dawk l-Istati Membri li, għalkemm qed jiffaċċjaw qgħad għoli ħafna, huma obbligati jirritornaw fondi tal-UE minħabba problemi ta' kofinanzjament; jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra l-finanzjament minn qabel sabiex tiffaċilita l-użu sħiħ tal-fondi minn dawn l-Istati Membri fil-perjodu 2014-2020, filwaqt li dejjem tiżgura li jinżamm il-prinċipju ta' responsabbiltà baġitarja;

29. Jitlob li tittieħed azzjoni urġenti mill-Kummissjoni fil-għieda kontra d-dumping fiskali, il-frodi fiskali u l-evazzjoni tat-taxxa u jitlob l-adozzjoni fil-livell tal-Kunsill ta' taxxa fuq it-transazzjonijiet finanzjarji ambizzjużi;

30. Jemmen bis-sħiħ li l-fondi tal-UE, b'mod partikolari dawk fil-qafas tal-Inizjattiva favur l-Impjeg taż-Żgħażaġħ (YEI) u l-Fond Soċjali Ewropew (FSE) m'għandhomx jintużaw biex jissussidjaw approċċi nazzjonali, iżda għandhom jintużaw biex jipprovdu appoġġ addizzjonali b'mod li jikkumplementaw u jsaħħu l-programmi nazzjonali skont kif jiddeċiedu l-Istati Membri;

31. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lir-reġjuni jiżguraw l-implimentazzjoni sħiħa tal-fondi tal-UE għall-2007-2013 u biex jallinjaw mill-qrib il-FSE u Fondi Strutturali Ewropej oħra mal-istrateġija Ewropa 2020; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura monitoraġġ strett tad-delimitazzjoni ta' 20 % tal-FSE għall-faqar; jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi fis-SAT li jmiss u fis-CSRs kapitolu relatat mal-implimentazzjoni tal-Fond għal Għajjuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-B'żonn (FEAD);

32. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa riformi strutturali fis-swieq tal-enerġija sabiex tinkiseb Unjoni tal-Enerġija reżiljenti, inqas dipendenti fuq sorsi esterni, u li tiddiversifika s-sorsi tal-provvista (pereżempju, gass Alġerin);

Riformi biex jiżiedu l-potenzjal tat-tkabbir, il-kapital uman u l-produttività

33. Jinnota li l-pjanijiet ta' investment deċiżiv għal tkabbir sostenibbli u l-ħolqien ta' impjiegi sostenibbli u ta' kwalità aħjar, kif ukoll il-miżuri meħuda mill-BĊE, jistgħu jkunu ta' suċċess biss jekk huma jseħħu flimkien ma' riformi nazzjonali li jtejbu l-parteċipazzjoni f'xogħol ta' kwalità, jagħtu spinta lill-attività u l-produttività, jiżviluppaw il-kapital uman fil-gruppi tal-etajiet kollha, inklużi l-gruppi l-aktar vulnerabbli, u jappoġġjaw sistemi soċjali u ta' protezzjoni soċjali b'saħħithom; jindika li d-deċiżjoni tal-Parlament u tal-Kunsill għat-titjib tal-kooperazzjoni fin-netwerk tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi (PES) hija element ewlieni fl-isforz għat-titjib tas-swieq tax-xogħol; jemmen li r-riformi strutturali fis-suq tax-xogħol għandhom jintroduċu miżuri ta' flessibbiltà interna bil-għan li jiġu preservati l-impjiegi fi żminijiet ta' tfixkil ekonomiku, jiżguraw il-kwalità tal-impjiegi u s-sigurtà fit-transizzjonijiet fl-impjiegi, u jipprovdu skemi ta' benefiċċji għall-qgħad li huma bbażati fuq rekwiżiti ta' attivazzjoni realistiċi, jiżguraw appoġġ adegwat lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja u jkunu konnessi ma' politiki ta' riintegrazzjoni;

L-Erbgħa 11 ta' Marzu 2015

34. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkunsidraw modi innovattivi biex jinkoraġġixxu l-investment fl-UE; jenfasizza x-xejra reċenti tal-kumpaniji li jirritornaw il-produzzjoni u s-servizzi lura fl-UE u l-opportunitajiet li dan iġib għall-ħolqien tal-impjiegi, b'mod partikolari għaż-żgħażaġh; jemmen li l-ekonomiji tal-UE għandhom opportunità unika biex jaċċeleraw din ix-xejra tar-ritorn tal-impjiegi fl-Ewropa;

35. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiddisinjaw politiki mfassla apposta biex jappoġġjaw il-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità għal persuni li ilhom qiegħda għal żmien twil, għal persuni qiegħda li huma akbar fl-età, għan-nisa u gruppi prijoritarji oħra li ntlaw l-aktar mill-kriżi, bħall-immigranti, il-komunità tar-Rom u l-persuni b'diżabilità, inklużi miżuri li jippromwovu politiki kontra d-diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol, il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja, it-tagħlim u t-taħriġ tul il-ħajja, u biex jiġi miġġieled il-livell baxx ta' edukazzjoni li jaffettwa xi wħud minn dawn il-gruppi, li ħafna minnhom qegħdin friskju ta' esklużjoni soċjali; jitlob biex fis-CSRs jiġi indirizzat b'mod sistematiku t-tnaqqis fid-differenza bejn il-pagi u l-pensjonijiet tal-irġiel u tan-nisa; iħeġġeġ lill-Kummissjoni titlob li kull Stat Membru jstabbilixxi pjan nazzjonali dwar l-impjiegi għall-ħolqien tal-impjiegi b'mod konformi ma' dak li kienu ftehm u fil-Kunsill tar-Rebbiegħa tal-2012;

36. Jistieden lill-Kummissjoni tnedi inizzjattiva ġdida sabiex tippromwovi l-opportunitajiet ta' impjiegi għar-Rom fl-Istati Membri, b'miżuri li jippromwovu l-ħiliet u l-kwalifiki u li jiġġieldu kontra d-diskriminazzjoni u jippromwovu l-ħolqien tal-impjiegi, pereżempju permezz ta' impjiegi indipendenti u intraprenditorija u billi jintużaw strumenti finanzjarji innovattivi;

37. Jistieden lill-Istati Membri li tkun ta' prijorità għalihom li jnaqqsu d-disparità bejn is-sessi fl-impjiegi, b'mod partikolari billi jindirizzaw id-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa u billi jimplimentaw miżuri sabiex jiffaċilitaw ir-rikonċiljazzjoni bejn il-ħajja professjonali u dik familjari fost oħrajn billi jżidu d-disponibbiltà ta' faċilitajiet għall-indukrar tat-tfal;

38. Jiddispjaċih li s-Semestru Ewropew ma ġiex allinjat tajjeb biżżejjed mal-Istrategġija Ewropa 2020; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkonformaw il-miżuri ekonomiċi implimentati tul is-Semestru Ewropew mal-miri soċjali u ta' impjiegi tal-istrategġija Ewropa 2020 u mal-prinċipji soċjali stabbiliti fit-Trattati; jitlob li jkun hemm aktar sforzi determinati fil-gwida u l-koordinazzjoni tal-politiki tal-UE biex jiġi stimulat tkabbir sostenibbli u inklużiv u biex jinħolqu impjiegi aħjar u sostenibbli; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta r-reviżjoni ta' nofs it-term ta' Ewropa 2020 mingħajr dewmien filwaqt li tqis il-ħtieġa urġenti li jsir aktar progress fit-tnaqqis tal-faqar u miri soċjali oħra, u l-ħtieġa għal titjib fl-involvement validu tal-partijiet interessati;

L-edukazzjoni u l-politiki attivi tax-xogħol biex jiżied il-kapital uman

39. Jemmen li kompetizzjoni internazzjonali li qed tikber li ġejja minn forzi tax-xogħol b'kompetenzi dejjem akbar wasslet biex l-UE jkollha nuqqasijiet serji ta' kompetenzi u nuqqas ta' tlaqqiġ ta' kompetenzi li qed idewmu t-tkabbir ekonomiku. jemmen li jekk l-Istati Membri għandu jkollhom ċans realistiku li jilhq u l-miri ta' impjiegi tal-Ewropa 2020, dawn għandhom jiffokaw biex joħolqu ambjent tajjeb għall-ħolqien ta' impjiegi;

40. Itenni l-istedina tiegħu lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jinkorporaw pilastru tal-ġeneru fil-qafas ta' Ewropa 2020;

41. Jindika li l-istrategġija biex terġa' tinkiseb il-kompetittività ma għandhiex tiffoka biss fuq l-ispejjeż tax-xogħol iżda wkoll fuq iż-żieda fil-produttività permezz ta' investimenti fil-kapital uman u riformi strutturali;

42. Jistieden lill-Istati Membri jreġġeġh u lura l-investment fil-kapital uman għal-livell ta' qabel il-kriżi, b'mod partikolari biex itaffu t-tranżizzjoni bejn l-edukazzjoni u x-xogħol għaż-żgħażaġh, u biex jinvestu fit-taħriġ vokazzjonali u fi programmi ta' tagħlim tul il-ħajja;

43. Jilqa' l-fatt li fis-SAT 2015, il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri jiproteġu jew jippromwovu l-investment fit-tul fl-edukazzjoni, fir-riċerka u fl-innovazzjoni; jinnota, madankollu, li l-Istati Membri b'baġits li huma diġà limitati m'għandhomx mezzi suffiċjenti biex jilhq u dan l-oġġettiv;

44. Jenfasizza l-importanza ta' politiki attivi tax-xogħol għal xi Stati Membri fil-kuntest attwali; jistieden lil dawk l-Istati Membri jżidu l-kopertura u l-effikaċja tal-politiki attivi fis-suq tax-xogħol;

L-Erbgħa 11 ta' Marzu 2015*Impjiegi u pagi ta' kwalità bħala muturi tal-produttività u t-tkabbir*

45. Jistieden lill-Istati Membri jagħtu attenzjoni speċjali lill-qgħad għoli fost il-gruppi żvantaġġjati billi jagħtu prijorità lill-aċċess u l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol u l-mainstreaming tal-politiki ta' aċċess u integrazzjoni, minħabba li x-xogħol huwa s-sigriet għall-integrazzjoni effettiva;

46. Ifakkar li pagi diċenti huma importanti, mhux biss għall-koeżjoni soċjali, iżda wkoll għaż-żamma ta' rkupru b'saħħtu u ta' ekonomija produttiva; jistieden lill-Kummissjoni tinvestiga l-impatt tal-Istati Membri li jintroduċu l-pagi minimi fil-kuntest fejn jitnaqqsu l-inugwaljanza fil-pagi; jistieden lill-Kummissjoni sabiex torganizza konferenza dwar qafas Ewropew għall-pagi minimi;

47. Jinsab imħasseb li r-riformi fis-suq tax-xogħol f'bosta Stati Membri ma rnexxielhomx ibaxxu l-livell ta' impjiegi prekarji; josserva li 50 % tal-impjiegi li nħolqu fl-2014 kienu impjiegi temporanji; jinnota li, skont il-Kummissjoni, il-faqar fost dawk li jaħdmu għadu jippersisti, u li għal 50 % ta' dawk kollha li qed ifittxu x-xogħol, il-fatt li jsibu impjieg mhuwiex biżżejjed biex joħorġu mill-faqar, u lanqas ma jżid il-produttività; jistieden lill-Istati Membri jagħtu prijorità lill-kwalità tal-impjiegi u jindirizzaw is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol; jistieden lill-Istati Membri biex jiżguraw li r-riformi fis-suq tax-xogħol għandhom l-għan li – apparti l-promozzjoni aħjar u l-ħolqien ta' impjiegi sostenibbli – jnaqqsu s-segmentazzjoni, li tawvanza l-inklużjoni ta' gruppi vulnerabbli fis-suq tax-xogħol, il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi, filwaqt li tnaqqas il-faqar fost dawk li jaħdmu u jiżguraw protezzjoni soċjali adegwata għall-ħaddiema kollha, inklużi dawk li huma impjegati għal rashom;

48. Jemmen li l-Istati Membri jistgħu joħlqu l-impjiegi biss jekk is-suq jippermetti dan, jekk ikunu jistgħu jserrħu fuq forza tax-xogħol ikkwalifikata, jekk is-swieq tax-xogħol ikunu flessibbli b'mod suffiċjenti, jekk l-ispejjeż tax-xogħol, inklużi l-pagi, ikunu f'konformità mal-produttività, jekk is-sistemi ta' protezzjoni soċjali jagħmlu x-xogħol aktar attraenti u jekk ir-regolamentazzjoni tkun proporzjonata u bbażata fuq l-evidenza;

49. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-isforzi tagħhom biex jindirizzaw id-dumping soċjali fl-UE, li jikkawża ħsara sinifikanti lill-ħaddiema affettwati u lis-sistemi ta' protezzjoni soċjali tal-Istati Membri; jitlob, barra minn hekk, li s-sħab soċjali jiġu inklużi fil-livelli kollha f'dawn l-isforzi;

50. Jilqa' l-inizjattiva dwar pjattaforma Ewropea dwar ix-xogħol mhux iddikjarat; itenni s-sejħa tiegħu lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-persuni b'kuntratti prekarji, jew li għandhom impjiegi indipendenti jkollhom sett bażiku ta' drittijiet u protezzjoni soċjali adegwata, speċjalment għal dak li jirrigwarda r-rikonċiljazzjoni bejn il-familja u x-xogħol; jistieden lill-Kummissjoni tagħmel sforzi dedikati biex tindirizza l-problemi addizzjonali kkawżati minn impjiegi part-time u temporanji mhux volontarji u minn impjiegi indipendenti fittizji;

51. Jiddispijaċih għall-fatt li m'hemm kważi ebda referenza għall-kwalità jew is-sostenibbiltà ta' impjiegi li qed jinħolqu, speċjalment f'dak li jirrigwarda l-impjieg tan-nisa, li huma rrappreżentati żżejjed fil-ħidma part-time minħabba diffikultajiet ta' rikonċiljazzjoni bejn il-ħajja professjonali u dik privata;

52. Iqis li l-kisba tal-oġettivi ta' riindustrijalizzazzjoni hija fundamentali għall-kompetittività tal-UE u jemmen li t-tnedija mill-ġdid ta' politika industrijali Ewropea ġenwina tista' tippromwovi t-tkabbir u toħloq impjiegi ġodda ta' kwalità għolja;

53. Jiddispijaċih dwar il-fatt li meta ssir referenza għar-rati tal-qgħad, ma tingħatax il-kunisdrazzjoni dovuta lil fatturi oħra, bħalma huma r-rati li dejjem qed jiżdiedu ta' nies mhux attivi, il-mobilità u l-migrazzjoni;

Il-qgħad fost iż-żgħażaġh u l-mobilità tax-xogħol

54. Jilqa' t-tnaqqis fir-rati ta' qgħad fost iż-żgħażaġh, imma jinnota li xorta għadhom flivelli allarmanti u mhux neċessarjament ibbażati fuq il-ħolqien nett ta' impjiegi; jenfasizza li n-nuqqas ta' sigurtà fl-impjiegi u s-sottoimpjieg żdiedu wkoll, u li 43 % taż-żgħażaġh isibu ruħhom jaħdmu f'kundizzjonijiet prekarji, b'kuntratti part-time mhux volontarji jew dikjarati b'mod falz bħala ħaddiema għal rashom;

L-Erbgħa 11 ta' Marzu 2015

55. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi qafas Ewropew li jintroduċi standards minimi għall-implimentazzjoni tal-Garanziji għaż-Żgħażaġħ u għal miżuri konkreti biex titqajjem kuxjenza pubblika; jistieden lill-Istati Membri jużaw il-baġit disponibbli b'mod effiċjenti u jimplimentaw il-Garanziji għaż-Żgħażaġħ mingħajr dewmien u jiżguraw li jilhqqu wkoll liż-żgħażaġh li ġejjin minn sfond soċjali żvantaġġat; jitlob għal baġit adegwat fir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-ILO; jinnota li l-ILO stmat li huma meħtieġa EUR 21 biljun biex tinstab soluzzjoni għall-problema tal-qgħad fost iż-żgħażaġh;

56. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea biex tmur lil hinn mir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' Marzu 2014 dwar qafas ta' kwalità għall-apprendistati u biex tipproponi Qafas tal-Kwalità ġdid bil-għan li jiġu evitati d-diskriminazzjoni u l-isfruttament ta' ħaddiema żgħażaġh;

57. Jistieden lill-Istati Membri biex jagħmlu s-swieq tax-xogħol aktar inklużivi għal dawk li jkollhom dmirijiet tal-familja bħat-trobbija tat-tfal u li jieħdu ħsieb membri tal-familja li jkollhom bżonn il-kura; jitlob, għalhekk, għal miżuri li jiffavorixxu r-rikonċiljazzjoni tal-ħajja tax-xogħol u dik familjari bħala parti mir-riformi tas-suq tax-xogħol promossi permezz tas-Semestru Ewropew;

58. Itenni t-talba tiegħu lill-Istati Membri biex jinvestu f'opportunitajiet għal tagħlim tul il-ħajja, taħriġ vokazzjonali u għal taħriġ fuq il-post tax-xogħol; jitlob għal sistemi nazzjonali ta' tagħlim tul il-ħajja li għandhom jiġu vvalutati bħala parti mill-istrateġiji tas-Semestru Ewropew għar-riforma tas-suq tax-xogħol;

59. Jenfasizza li, skont il-Kummissjoni, minkejja r-rati għolja tal-qgħad, hemm 2 miljun post vakanti ta' xogħol fl-UE, u li fl-2013 huma biss 3,3 % tal-popolazzjoni attiva li jaħdmu fi Stat Membru ieħor, u dan jindika livell ta' mobilità li baqa' baxx meta mqabbel mal-Istati Uniti u l-Ġappun; ifakkar li d-diverġenzi f'punti tar-rati ta' mobilità tax-xogħol – li fil-każ ta' Stati Membri li ntlaqtu l-aktar mill-kriżi jistgħu jvarjaw sa massimu ta' għaxar punti perċentwali – jistgħu jiġu affettwati b'mod pożittiv jekk tintuża l-għodda tal-pjattaforma EURES; jesprimi l-appoġġ kontinwu tiegħu għall-prinċipju tal-moviment liberu;

60. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw il-funzjonament tajjeb tas-Servizz Pubbliku tal-Impjiegi biex jiffaċilitaw u jstimulaw it-tiftix għal impjeg barra l-pajjiż;

61. Minħabba n-numru ta' ħaddiema, partikolarment żgħażaġh, li issa qed jitolqu l-pajjiż ta' orijini tagħhom għal Stati Membri oħra biex ifittxu opportunitajiet ta' impjeg, hemm hteġa urġenti li jiġu żviluppati miżuri adegwati li jiggwarantixxu li l-ebda ħaddiem ma jibqa' mhux kopert mill-protezzjoni tad-drittijiet soċjali u tax-xogħol; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex itejbu aktar il-mobilità tax-xogħol tal-UE permezz ta' strumenti bħal EURES filwaqt li jinżamm il-prinċipju ta' trattament ugwali u jiġu mħarsa l-pagi u l-istandards soċjali; jistieden lil kull Stat Membru jistabilixxi l-politiki soċjali u tal-impjeg li jiżguraw drittijiet ugwali u paga ugwali fl-istess post tax-xogħol bi qbil mal-prinċipji li jsostnu l-moviment liberu tal-ħaddiema, b'mod partikolari mill-perspettiva tal-ġeneru;

62. Ifakkar fl-oġettivi tal-UE fil-kwistjoni tas-sessi, b'mod partikolari li tintlaħaq rata ta' impjeg ta' 75 % għan-nisa u l-irġiel sal-2020 u jitnaqqis b'20 miljun l-għadd ta' persuni friskju ta' faqar;

63. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippreżenta proposta dwar il-liv tal-ġenituri li tikkontribwixxi biex tiżgura kundizzjonijiet tax-xogħol ugwali għan-nisa u l-irġiel, mhux l-inqas fid-dawl tal-fatt li l-popolazzjoni tal-UE qed tixji b'rata mgħaġġla, u dan iqiegħed friskju l-kapaċità futura tal-Istati Membri li jżommu s-servizzi soċjali meħtieġa; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jimplimentaw aktar politiki li jikkontribwixxu għal tkabbir demografiku tal-UE billi jstimulaw jew ir-rati ta' twelid jew tal-immigrazzjoni;

64. Jiddispjaċih li l-miżuri ta' awsterità imposti mill-UE immirati biex terġa' tiġi lura l-fiducia tal-investituri, wasslu għal deterjorament tal-kundizzjonijiet ta' impjeg u soċjali li rriżulta fl-ivell ogħla ta' qgħad, faqar u inugwaljanza;

65. Jitlob lill-Istati Membri jtejbju l-kooperazzjoni bejn in-negozji u s-settur edukattiv fil-livelli kollha;

L-Erbgħa 11 ta' Marzu 2015***Sejħa deċiżiva għad-dimensjoni soċjali u l-konverġenza fl-UE***

66. Itenni t-twissija tiegħu dwar l-isfidi soċjoekonomiċi li qed tiffaċċja l-Unjoni, speċjalment xi Stati Membri kif ukoll ir-riskji għas-sostenibilità tagħha u l-potenzjal tagħha ta' tkabbir stabbli kkawżati minn treggħigh lura fil-konverġenza reġjonali; ifakkar li aktar minn 122 miljun ċittadin tal-UE huma friskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali, inkluż il-faqar fost dawk li jaħdmu u l-faqar fost it-tfal; jirrimarka li attwalment hu stmat li 19 % tat-tfal fl-UE jinsabu friskju ta' faqar, u jinsisti li dawn il-livelli huma inaċċettabbli u jeħtieġ li jitnaqqsu immedjatament; jistieden lill-Kummissjoni tkompli tiżviluppa d-dimensjoni soċjali fl-UE; jirrikonoxxi l-ħidma tal-Kummissjoni dwar il-pilastru soċjali tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja, bħala parti mill-proċess ta' integrazzjoni tad-dimensjoni soċjali fl-istrutturi attwali tal-mekkaniżmi tal-governanza ekonomika, u jitlob biex titkompla din it-triq bl-għan li nersqu dejjem iżjed lejn it-tweġitq tal-għanijiet tal-istrateġija Ewropa 2020;

67. Jiddispaċih li m'hemmx indikaturi dwar, jew definizzjonijiet ċari ta', faqar assolut, li hi kwistjoni ta' tħassib għal ħafna Stati Membri;

68. Ifakkar lill-Kummissjoni li, skont l-Artikolu 9 tat-TFUE, il-politiki tal-impjeg u dawk soċjali li jippromwovu l-Acquis Soċjali Ewropew għandhom jirregolaw il-politiki Ewropej kollha; jitlob lill-Kummissjoni tissodisfa l-obbligi tagħha li torbot is-Semestru Ewropew mal-obiettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020;

69. Jinnota li l-ħarsien soċjali u l-politika soċjali – partikolarment il-benefiċċji tal-qgħad, l-appoġġ għall-introjtu minimu u t-tassazzjoni progressiva – inizjalment għenu biex inaqqsu l-profondità tar-riċessjoni u stabbilizzaw is-swieq tax-xogħol u l-konsum; jenfasizza, madankollu, li l-istabbilizzaturi soċjali ntużaw b'mod wiesa' bħala fatturi ta' aġġustament minn dawk il-membri tal-UEM li ġarrbu xokkijiet ekonomiċi negattivi; jenfasizza li l-protezzjoni soċjali u l-politika soċjali huma l-kompetenza tal-Istati Membri;

Stabbilizzaturi soċjali

70. Josserva li, fir-rapport annwali tal-2013 tagħha dwar is-sitwazzjoni soċjali u tal-impjeg tal-UE, il-Kummissjoni enfasizzat l-importanza tal-ispiża tal-protezzjoni soċjali bħala salvagwardja kontra r-riskji soċjali; ifakkar fl-importanza ta' stabbilizzaturi awtomatiċi fl-indirizzar tax-xokkijiet asimmetriċi, fl-evitar ta' tnaqqis eċċessiv tal-istati soċjali nazzjonali u b'hekk fit-tisħiħ tas-sostenibbiltà tal-UEM kollha; jistieden lill-Kummissjoni biex tinkludi fis-CSR tagħha l-importanza li jiġu preservati stabbilizzaturi awtomatiċi b'saħħithom fl-Istati Membri minħabba r-rwol straordinarju tagħhom biex tinżamm il-koeżjoni soċjali kif ukoll biex tiġi stimolata d-domanda interna u t-tkabbir ekonomiku; itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni biex toħroġ Green Paper dwar l-istabbilizzaturi awtomatiċi fiż-żona tal-euro;

71. Jinnota l-għan tal-Kummissjoni "biex il-liġi tal-UE ssir eħfef, aktar faċli u irħas għall-benefiċċju taċ-ċittadini u l-intrapriżi"; jenfasizza li din it-tneħħija ta' ostakli regolatorji m'għandha timmina la l-acquis soċjali Ewropew f'oqsma bħas-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol, l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-ħaddiema, il-konvenzjonijiet ewlenin tal-ILO u lanqas il-Karta Soċjali Ewropea, u għandha tirrispetta l-awtonomija tas-sħab soċjali kif previst fit-Trattat; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tagħmel sforzi kredibbli biex tiżgura l-protezzjoni tal-ħaddiema tqal u l-ħaddiema li welldu reċentement;

Indikaturi soċjali

72. Jilqa' l-fatt li r-Rapport Konġunt dwar l-Impjeggi anness mas-SAT jinkludi tabella ta' valutazzjoni għall-politiki tal-impjegji u dawk soċjali; jistieden lill-Kummissjoni biex tistudja jekk dawn l-indikaturi humiex biżżejjed sabiex tagħmel analiżi bir-reqqa tas-sitwazzjoni soċjoekonomika fl-Istati Membri; jenfasizza l-importanza tal-fehim tad-dinamika u l-konsegwenzi tal-iżviluppi tal-introjtu tal-familja u l-inugwaljanzi fl-introjtu li qed jikbru; jiddispaċih li ħafna mid-data ppreżentata fl-edizzjoni tat-tabella ta' valutazzjoni ta' din is-sena hija skaduta; jitlob lill-Kummissjoni tagħmel użu akbar minn din it-tabella ta' valutazzjoni fil-formulazzjoni tal-politika; jitlob deskrizzjoni dettaljata tal-għażliet tal-Istati Membri fl-oqsma politiċi differenti u r-riżultati korrispondenti; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tevalwa u ttejjeb l-ambitu u l-effikaċja tagħha biex tiżgura li dawn jiġu kkunsidrati bis-sħiħ meta jiġu żviluppati rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż;

L-Erbgħa 11 ta' Marzu 2015

73. Jenfasizza li kunsiderazzjonijiet ta' impjegi u soċjali għandhom jitqiegħdu fl-istess livell bħal daww makroekonomiċi fil-proċedura tas-Semestru Ewropew;

74. Jitlob għall-identifikazzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi u makrosoċjali ewlenin fl-ekonomija tal-UE u ż-żona tal-euro u li r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż jithejju fil-kuntest tas-Semestru Ewropew fuq dik il-bażi, inklużi passi lejn il-konverġenza tal-istandards tax-xogħol u daww soċjali;

Il-faqar u l-esklużjoni soċjali

75. Jiddispjaċih li l-Istħariġ Annwali dwar it-Tkabbir u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjegi ma fihom ebda miżura jew qafas ta' politika biex jintlaħaq l-għan tal-Istrateġija Ewropa 2020 dwar it-tnaqqis tal-faqar; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li dan l-oġġettiv ikun rifless b'mod aħjar fis-Semestru Ewropew;

76. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu infurzati l-acquis soċjali, il-klawżola soċjali orizzontali u l-protokoll dwar is-servizzi ta' interess ġenerali;

77. Jilqa' l-appell tal-President tal-Kummissjoni Ewropea lill-Istati Membri tal-UE biex jintroduċu paga minima bl-għan li jitnaqqas il-faqar fl-UE; jistieden lill-Kummissjoni ttipponi inizjattiva li tippromwovi l-introduzzjoni ta' dħul minimu fl-Istati Membri; jenfasizza li huwa f'idejn kull Stat Membru li jiffissa livelli ta' dħul minimu u li dawn għandhom ikunu proporzjonati mas-sitwazzjoni soċjoekonomika speċifika fil-pajjiż inkwistjoni;

78. Jiddispjaċih dwar il-fatt li l-approċċ tal-Kummissjoni mmirat biex jindirizza l-inugwaljanzi bejn is-sessi prinċipalment jittratta rikonċiljazzjoni bejn il-ħajja professjonali u tal-familja bħala kwistjoni tan-nisa; jinnota li l-miżuri mmirati lejn il-promozzjoni tar-rikonċiljazzjoni, kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa, huma kruċjali għall-ħolqien tal-impjegi u għandhom influwenza diretta fil-kwalità tal-impjegi maħluqa; jinnota li aċċess għal servizzi affidabbli tal-indukrar tat-tfal u ta' kwalità għadu ostaklu ewleni għar-rikonċiljazzjoni, għaldaqstant jistieden lill-Kummissjoni tagħti attenzjoni lil dan l-indikatur meta tanalizza t-tabella ta' valutazzjoni tal-indikaturi ewlenin tal-impjieg u daww soċjali;

79. Jistieden lill-Kummissjoni taħdem mal-Istati Membri biex b'mod immedjat tiffaċċja ż-żieda allarmanti fil-faqar fost it-tfal madwar l-UE permezz ta' miżuri olistiċi fuq terminu twil u bbażati fuq il-prattiki tajbin ta' ċerti Stati Membri, b'mod partikolari miżuri li jżidu l-appoġġ mill-Istat għal alimentazzjoni fl-iskejjel, u biex jimplementaw ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni fuq tliet pilastri "L-Investment fit-Tfal" inkluża fil-Pakkett ta' Investimenti Soċjali;

80. Jirrimarka li tfaċċaw forom ġodda ta' faqar minħabba l-kriżi tad-dejn – bħall-faqar fost daww li jaħdmu b'diffikultajiet, bħal pereżempju l-ħlas ta' self ipotekarju, jew prezzijiet għolja għas-servizzi li joħolqu faqar enerġetiku – irriżultaw f'żieda fin-numru ta' żgumbramenti, esklużjonijiet mis-suq u persuni mingħajr dar; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jimplementaw politiki integrati li jiffavorixxu akkomodazzjoni soċjali u għall-but ta' kulħadd, politiki ta' prevenzjoni effettivi mmirati biex inaqqsu n-numru ta' żgumbramenti, u politiki li jindirizzaw il-faqar enerġetiku abbażi ta' Prattiki tajba użati fxi Stati Membri, u sabiex iwaqqfu l-kriminalizzazzjoni ta' persuni mingħajr dar li dehret reċentement fxi Stati Membri; jistieden lill-Kummissjoni biex tnedi b'mod immedjat pjan ta' azzjoni tal-UE dwar il-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar kif intalab mill-Parlament f'diversi okkażjonijiet kif ukoll minn korpi oħra tal-UE, biex tgħin lill-Istati Membri jiffaċċjaw il-problema urġenti u li qed tikber b'mod rapidu tal-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar;

81. Jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tiżviluppa strateġija li tappoġġja lill-Istati Membri jindirizzaw il-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar permezz ta' politiki integrati u ta' investment soċjali xieraq;

82. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni urġenti biex jindirizzaw il-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar; jirrimarka li din il-manifestazzjoni estrema ta' faqar u ta' esklużjoni soċjali tmur kontra d-drittijiet fundamentali u ż-diedet f'maġġoranza kbira tal-Istati Membri; jistieden lill-Kummissjoni ttipponi mekkaniżmi konkreti biex tissorvelja u tappoġġja l-isforzi tal-Istati Membri biex dawn jaffrontaw il-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar, kif mitlub fir-riżoluzzjonijiet tiegħu tal-14 ta' Settembru 2011 u tas-16 ta' Jannar 2014 dwar strateġija tal-UE għall-persuni mingħajr dar;

L-Erbgħa 11 ta' Marzu 2015

83. Jistieden lill-Kummissjoni tevalwa jekk huwiex possibbli li jiżdied l-FEAD matul ir-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-qafas finanzjarju pluriennali;

Pensjonijiet u saħħa sostenibbli

84. Jitlob li jkun hemm servizzi pubbliċi affordabbli u ta' kwalità fil-qasam tal-kura tat-tfal u l-persuni dipendenti, li jippermettu partikolarment lin-nisa jirritornaw lejn l-impjieg u jiffaċilitaw ir-rikonċiljazzjoni tax-xogħol u l-ħajja privata;

85. Ifakkar lill-Kummissjoni li, sabiex tiġi żgurata kemm is-sostenibbiltà, is-sikurezza kif ukoll l-adegwatezza tal-pensjonijiet, ir-riformi tal-pensjonijiet jeħtieġ li jkunu akkumpanjati minn politiki li: jiżviluppaw opportunitajiet ta' impjieg għal ħaddiema kbar fl-età u żgħażaġħ sabiex jikkontribwixxu għal sistema ta' pensjonijiet sostenibbli; jillimitaw l-inċentivi għall-iskemi tal-irtirar kmieni u għal metodi oħra ta' ħruġ bikri; jipprovdu għall-kumpens għal żmien li fih persuni ħadu ħsieb tfal u membri tal-familja dipendenti; jiżviluppaw opportunitajiet ta' impjieg għall-ħaddiema kbar fl-età; jiggwarantixxu l-aċċess għat-tagħlim tul il-ħajja kemm għall-persuni impjegati kif ukoll daww qiegħda ta' kull età; isaħħu t-tixjiħ b'saħħtu fuq il-post tax-xogħol, filwaqt li jqisu r-riskji fiżiċi u psikosoċjali għas-saħħa u s-sikurezza; jintroduċu politiki ta' benefiċċji tat-taxxa li joffru inċentivi biex persuni jibqgħu jaħdmu aktar; u jappoġġjaw it-tixjiħ attiv b'saħħtu; jenfasizza li biex jirnexxu r-riformi fil-pensjonijiet dawn jirrikjedu koeżjoni politika u soċjali nazzjonali u għandhom jiġu nneozjati mas-sħab soċjali u r-rappreżentanti ta' ġenerazzjonijiet aktar żaġżuġha u akbar fl-età bħala l-gruppi tal-popolazzjoni affettwati b'mod dirett; jistieden lill-Istati Membri biex jikkunsidraw sew il-pożizzjoni tal-Parlament dwar il-Green u l-White Papers dwar il-pensjonijiet;

86. Jieħu nota tar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni biex issir riforma fis-sistemi tas-saħħa sabiex dawn jissodisfaw l-oġettivi tagħhom li jipprovdu aċċess universali għall-kura ta' kwalità għolja – inkluż l-aċċess affordabbli għal mediċini, speċjalment daww li jsalvaw il-ħajja – u li jiġu rrispettati d-drittijiet tal-persunal tas-settur tas-saħħa; josserva li, bħala konsegwenza tal-kriżi, xi Stati Membri ma rnexxilhomx jiżguraw kopertura sħiħa tas-saħħa pubblika; jistieden lill-Kummissjoni toħroġ rakkomandazzjonijiet konkreti biex tikkoreġi din is-sitwazzjoni; jitlob għal sforzi ulterjuri ta' riforma biex jiġi żgurata li l-aċċessibbiltà finanzjarja għall-infrastruttura tas-saħħa ta' kwalità ma titpoġġiex friskju;

87. Jinnota r-rikonoxximent tal-Kummissjoni li s-setturi tas-saħħa u tal-kura soċjali għandhom potenzjal sinifikanti għat-ktabbir u jirrappreżentaw oqsma kruċjali għall-investiment immirat lejn ekonomiji sostenibbli; jistieden lill-Kummissjoni tirrapporta dwar il-progress fl-iżvilupp ta' inizjattivi, bħala parti mill-Istrateġija Ewropa 2020, għall-investiment fis-setturi tas-saħħa u l-kura soċjali fir-rigward tal-impjieg ta' kwalità;

88. Jappella għal miżuri ta' prevenzjoni effettiva tas-saħħa bħala "It-tixjiħ b'saħħtu tul il-ħajja" biex jissaħħu u jiġu żviluppati bil-għan li tiżdied il-kwalità tal-ħajja filwaqt li, fl-istess ħin, jitnaqqsu l-ispejjeż għas-sistemi tas-saħħa nazzjonali għal trattamenti mediċi u farmaċewtiċi meħtieġa tard matul ħajjithom;

Sistemi ta' tassazzjoni fuq ix-xogħol aktar ġusti

89. Jenfasizza li l-porzjon tat-taxxa għandu impatt akbar għal daww b'paga baxxa u daww li għandhom it-tieni sors ta' introjtu, u li din tibqa' problema; jistieden lill-Kummissjoni tieħu nota tar-rapport tal-FMI ta' Ottubru 2013 dwar it-taxxa, li jirrimarka li hemm skop għal forom aħjar u aktar progressivi ta' tassazzjoni;

90. Jinnota l-importanza tat-tnaqqis tat-tassazzjoni fuq ix-xogħol, speċjalment ta' ħaddiema b'paga baxxi u b'ħiliet baxxi, ta' daww li ilhom qiegħda għal żmien twil u ta' gruppi vulnerabbli oħra, filwaqt li tiġi żgurata s-sostenibbiltà fit-tul tas-sistemi tal-pensjonijiet pubbliċi; jistieden lill-Istati Membri jitransferixxu t-taxxi minn fuq il-ħaddiema għal taxxi fuq il-konsum, il-kapital u l-ambjent, filwaqt li jqisu b'mod xieraq l-effetti redistributtivi potenzjali;

L-Erbgħa 11 ta' Marzu 2015

It-tisħiħ tal-leġittimità demokratika msaħħa tas-Semestru Ewropew

91. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar ir-rwol limitat li huwa, il-parlamenti nazzjonali, kif ukoll is-sħab soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, għandu jkollhom fit-tfassil, il-monitoraġġ u l-implimentazzjoni ta' prijoritajiet ekonomiċi u soċjali fis-Semestru Ewropew; itenni t-talba tiegħu għal involviment akbar u strutturat tas-soċjetà ċivili u tas-sħab soċjali fil-livell tal-UE kif ukoll dak nazzjonali, sabiex tissaħħaħ il-leġittimità tal-proċess tas-Semestru Ewropew bl-iżvilupp ta' linji gwida konkreti;

92. Jitlob għall-involviment tal-parlamenti subnazzjonali, l-awtoritajiet lokali u reġjonali fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-Programmi Nazzjonali ta' Riforma, inkluż permezz ta' arranġamenti ta' governanza fuq ħafna livelli;

93. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tinvolvi aktar mill-qrib lis-sħab soċjali fit-thejjja tas-SAT u, b'mod aktar ġenerali, tifformalizza r-rwol ta' sħab soċjali fil-proċess tas-Semestru Ewropew;

94. Itenni s-sejħa tiegħu għal Ftehim Interistituzzjonali sabiex ikun involut il-Parlament fl-abbozzar u l-approvazzjoni tas-SAT u l-Linji Gwida dwar il-Politika Ekonomika u l-Impjiegi;

o

o o

95. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.
